2024/2164

20.8.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2164

tal-11 ta' Lulju 2024

dwar ir-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw id-*data* li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq

(notifikata bid-dokument C(2024) 4665)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3a(8) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 5b(1) tad-Direttiva 2006/1/KE,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3a(1) tad-Direttiva 2006/1/KE, id-*data* relatata ma' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq li jintużaw minn impriżi involuti fit-trasport ta' merkanzija bit-triq b'kiri jew b'kumpens għandha tiġi inkluża fir-reġistru elettroniku nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ("ir-reġistri elettroniċi nazzjonali").

(2) Skont l-Artikolu 3a(3) tad-Direttiva 2006/1/KE, l-Istati Membri għandhom jużaw ir-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Toroq (ERRU) biex jiskambjaw informazzjoni dwar vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq. Biex dik l-informazzjoni tiġi skambjata mingħajr xkiel, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi dwar id-*data* li għandha tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE ([3]) stabbiliet rekwiżiti minimi għad-*data* li għandha tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq. Sabiex tiġi ffaċilitata l-interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali anke fir-rigward tad-*data* relatata ma' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq, jenħtieġ li fir-reġistri elettroniċi nazzjonali tiġi inkluża *data* addizzjonali relatata ma' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rekwiżiti minimi għad-*data* relatata ma' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq li għandha tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Kategorija tad-*data*	Oġġett tad-*data*	Deskrizzjoni addizzjonali tal-entrata tad-*data*	Tul
Awtorizzazzjoni	Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura	kamp tad-*data* alfanumerika ta' test liberu	1-15
	Pajjiż tar-Reġistrazzjoni tal-Vettura	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2	2

([1]) ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/1/oj.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1071/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi għad-dejta li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/992/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Adina-Ioana VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni